

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar “Proposta għal regolament dwar il-Fond ta’ Koeżjoni”

(2012/C 225/10)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- josserva li l-valur miżjud Ewropew tal-investimenti fl-infrastruttura li saru fis-snin li għaddew permezz tal-Fond ta’ Koeżjoni huwa għoli. Permezz ta’ dawn l-investimenti l-UE tipprovdi lill-Ewropej b’livell ta’ ħajja ogħla u toffri lill-intrapriżi opportunitajiet għall-iżvilupp;
- jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li għall-perjodu 2014-2020 jinżamm baġit sostanzjali għall-Fond ta’ Koeżjoni b’mod li l-għanijiet politiċi tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport, l-ambjent u l-enerġija jkunu jistgħu jiġu appoġġjati mill-baġit tal-UE;
- jqis li l-politika ta’ koeżjoni hija u għandha tibqa’ espressjoni ta’ solidarjetà fi ħdan l-UE u strument effikaċi li jaqdi l-ksib tas-suq uniku Ewropew;
- jitlob approċċ ibbażat ħafna fuq ir-riżultati u identifikazzjoni aħjar tal-prijoritajiet ta’ investiment fil-livell lokali u nazzjonali;
- jikkunsidra li l-Fond ta’ Koeżjoni għandu jiffinanzja proġetti integrati dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini u d-djar;
- iqis li hemm bżonn li jsir investiment intelliġenti fl-iżvilupp tal-infrastruttura fil-livell Ewropew;
- jenfasizza li l-awtoritajiet reġjonali u lokali wkoll huma responsabbli li jwettqu investimenti fl-infrastruttura tat-trasport u li jgħolqu konnessjonijiet sekondarji u terzjarji fil-qafas tan-netwerk trans-Ewropej. Dawn jistgħu jiġu involuti mill-qrib fid-deċiżjonijiet dwar l-għażla tal-proġetti prijoritarji ta’ interess komuni sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-investimenti pubbliċi u privati f’kull livell;
- ser jopponi kwalunkwe inizjattiva li tista’ tnaqqas il-baġit allokat lill-politika ta’ koeżjoni b’mod partikolari fir-rigward tal-EUR 10 biljun mill-baġit tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li ġej direttament mill-Fond ta’ Koeżjoni.

Relatur	Is-Sur STAVARACHE (RO/ALDE), Sindku tal-muniċipalità ta' Bacău, il-kontea ta' Bacău
Dokument ta' referenza	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 COM(2011) 612 final

I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Osservazzjonijiet ġenerali

1. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqdu rwol politiku, regolatorju u amministrattiv importanti u ħafna drabi jkollhom kompetenzi ċari fil-livell nazzjonali fil-qasam tal-ippjanar tal-investimenti u l-implimentazzjoni tal-politiki fil-qasam tat-trasport, l-ambjent u l-enerġija u fuq kolloxx fejn jidħol żvilupp tal-infrastruttura fit-territorji tagħhom;

2. jinsisti fuq il-bżonn li titqiegħed fil-prattika l-governanza f'diversi livelli sabiex ikun jista' jiġi garantit żvilupp territorjali bilanċjat u konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu assoċjati bħala msieħba fit-tehdid tad-deċiżjonijiet dwar il-prijoritajiet tal-investment fil-livell nazzjonali u Ewropew li ser jibbenefikaw minn finanzjament fil-qafas tal-Fond ta' Koeżjoni;

3. jilqa' l-impenn li ħadet il-Kummissjoni Ewropea li permezz tal-baġit Ewropew tappoġġja l-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport, l-ambjent u l-enerġija li mingħajrhom l-iżvilupp ekonomiku ma jkunx possibbli u fuq kolloxx jilqa' l-fatt li l-proposta dwar il-qafas finanzjarju multiannwali 2014-2020 tqis id-differenzi li jeżistu bejn l-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE b'enfasi partikolari fuq ir-reġjuni inqas żviluppati;

4. iqis li t-twaqqif tal-prijoritajiet fil-qasam tal-iżvilupp tal-infrastruttura fit-territorji Ewropej kollha joħloq il-kundizzjonijiet preliminari neċessarji sabiex l-Unjoni tkun tista' taħdem tajjeb bħala żona ekonomika komuni u sabiex jinkiseb il-proġett sħiħ tas-suq Ewropew uniku u fl-istess waqt huwa simbolu ta' solidarjetà mal-Istati Membri inqas żviluppati;

5. josserva li l-valur miżjud Ewropew tal-investimenti fl-infrastruttura li saru fis-snin li għaddew permezz tal-Fond ta' Koeżjoni huwa għoli. Mingħajr l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni Ewropea dawn l-investimenti ma kinux jistgħu jsiru fl-Istati Membri fejn il-PDG per capita huwa inqas għoli. Permezz ta' dawn l-investimenti l-UE ttejjeb il-ħajja taċ-ċittadini tagħha u toffri possibbiltajiet ta' żvilupp lill-intrapriżi;

6. ifakkar li, hekk kif jipprevedi l-Protokoll nru 28 tat-TFUE, il-Fond ta' Koeżjoni ser jipprovdri kontribuzzjoni finanzjarja għal

proġetti ambjentali u relatati man-netwerks trans-Ewropej fl-Istati Membri fejn il-PDG per capita huwa inqas minn 90 % tal-medja fl-Unjoni;

7. japprezza b'mod partikolari s-solidarjetà Ewropea bejn l-Istati Membri. Il-Fond ta' Koeżjoni jindirizza l-bżonnijiet finanzjarji tal-investimenti interreġjonali u urbani fl-infrastruttura tat-trasport u ambjentali tal-pajjiżi inqas żviluppati;

8. ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-KtR dwar il-qafas multiannwali l-ġdid għal wara l-2013 u jilqa' bis-sħiħ il-proposti dwar il-politika ta' koeżjoni u l-kundizzjonalità⁽¹⁾;

9. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li għall-perjodu 2014-2020 jinżamm baġit sostanzjali għall-Fond ta' Koeżjoni b'mod li l-għanijiet politiki tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport, l-ambjent u l-enerġija jkun jistgħu jiġu appoġġjati mill-baġit tal-UE. Il-Kumitat japprova wkoll il-proposta li t-total tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond ta' Koeżjoni jinżamm għal terz tal-baġit sħiħ tal-politika ta' koeżjoni fil-livell nazzjonali, fl-Istati Membri eliġibbli.

10. huwa kompletamet konxju tal-bżonn li jiġu adottati miżuri ta' dixxiplina ekonomika u baġitarja fil-livell tal-UE, iżda l-Kumitat huwa tal-fehma li l-politika ta' koeżjoni ma tistax tintuża bħala strument ta' sanzjoni li jimponi dixxiplina finanzjarja stretta fl-Unjoni. Il-Fondi strutturali u ta' koeżjoni għandhom jirrispondu għall-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 171, 174, 177 u 192 tat-TFUE. Il-Kumitat iqis li jekk jiġu adottati kundizzjonijiet makroekonomiċi, dawn għandhom japplikaw għall-intestaturi baġitarji kollha u mhux għal dawk tal-koeżjoni biss;

Pjanar strateġiku aħjar u iktar effikaċja fl-użu tal-fondi

11. iqis li l-politika ta' koeżjoni hija u għandha tibqa' espressjoni ta' solidarjetà fi ħdan l-UE u strument effikaċi li jaqdi l-ksib tas-suq uniku Ewropew. L-effikaċja tal-politika ta' koeżjoni ser tiġi kkonfermata permezz tal-għażliet ta' investment favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli, inklużiv u bilanċjat fil-livell tal-UE li jiġi implimentat fl-amministrazzjonijiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali u li ser jieħdu l-forma ta' programmi ta' investment finanzjati mill-Fond Strutturali fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid;

⁽¹⁾ Opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni dwar il-qafas finanzjarju multiannwali ġdid għal wara l-2013, relatur: is-Sinjura Flo Clucas (UK/ALDE), membru tal-Kunsill muniċipali ta' Liverpool

12. ifakkar li l-għan prinċipali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss huwa li jtejbu l-kwalità tal-interventi finanzjati mit-taxxi taċ-ċittadini u li jiksibu l-aħjar riżultati possibbli u li jistgħu jitkejlu mil-lat ekonomiku, soċjali u ambjentali;

13. jilqa' l-proposti l-ġodda li saru fil-qafas tal-pakkett leġislativ dwar il-ġejjieni tal-politika Ewropea ta' koeżjoni li jimmiraw li jsaħħu l-effikaċja fl-użu tal-fondi u jsaħħu r-rabta bejn l-għanijiet politiċi u l-baġit Ewropew b'enfasi partikolari fuq il-prijoritajiet u billi tiġi żgurata massa kritika ta' investimenti billi l-istrumenti ta' programmazzjoni finanzjarja jsiru iktar flessibbli u billi jiġu semplifikati l-proċeduri ta' aċċess għall-fondi;

14. jenfasizza li l-programmazzjoni strateġika tal-użu tal-fondi ma tistax issir konkreta mingħajr l-involviment tal-benefiċjarji u fuq kollox tal-awtoritajiet reġjonali u lokali li l-aħjar li jafu r-realtajiet u l-possibbiltajiet tat-territorji tagħhom. Dan jippermetti koerenza mal-investimenti finanzjarji li jsiru mill-pubbliku fil-livell territorjali. Għal dan il-għan jeħtieġ li jiġi promoss approċċ minn isfel għal fuq sabiex ir-reġjuni u l-bliet kollha jkunu kapaċi jagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal tagħhom billi jibbenefikaw mill-mezzi l-iktar adegwati sabiex jikkontribwixxu għall-Istrateġija Ewropa 2020 u jkollhom aċċess għall-fondi Ewropej;

15. jenfasizza li l-investimenti fl-infrastruttura jikkontribwixxu b'mod sinifikanti fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-bliet u r-reġjuni dejjem jekk dawn ikunu pjanati u mmexxija fi sħubija, jekk l-impatt territorjali sħiħ tagħhom ikun ġustifikat u jekk l-investment ikun sar mill-atturi lokali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

16. l-ippjanar strateġiku tal-investimenti fin-netwerk trans-Ewropej tat-trasport, fil-qasam tal-enerġija u tal-komunikazzjoni jgħandu jsir bl-iktar mod trasparenti possibbli u bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex ikunu jistgħu jiġu armonizzati l-pjani integrati ta' żvilupp territorjali;

17. jappoġġja l-programmazzjoni fi sħubija. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-politika ta' koeżjoni wara l-2013, l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti fil-livelli kollha ser jobbligaw lill-awtoritajiet kompetenti fil-livelli kollha sabiex jiffukaw iktar mill-qrib fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija fiċ-ċiklu ta' programmazzjoni l-ġdid u fil-fażijiet kollha tal-proċess ta' pjanar. B'mod partikolari, ser jinħolqu indikaturi ġodda li jippermettu evalwazzjoni tal-kwalità tas-sħubija fl-Istati Membri;

18. jinsisti fuq il-bżonn ta' approċċ ibbażat fuq ir-riżultati. Dan jirrikjedi l-introduzzjoni ta' strumenti strateġiċi ta' programmazzjoni li jistgħu jużaw l-awtoritajiet lokali u reġjonali għal evalwazzjoni bejn il-pari tal-istrateġiji tagħhom. Din issir abbażi ta' sett ta' indikaturi komuni u adegwati li kapaċi jkejlu l-kwalità u l-effett ta' lieva tal-investimenti;

19. jirrakkomanda li matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, issir iktar enfasi fuq id-definizzjoni tal-prijoritajiet ta'

investment fil-livell lokali u reġjonali permezz tal-istrumenti finanzjarji tal-Qafas Strateġiku Komuni sabiex jiġu evitati l-finanzjamenti doppji jew l-ippjanar doppju ta' investimenti kbar li mhumiex koperti;

20. jinsisti fuq il-bżonn li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jużaw l-għajnuna teknika bir-reġġa sabiex din ittejjeb il-kwalità tal-programmi strateġiċi, issaħħaħ l-iżvilupp ta' portafolli ta' proġetti kbar fil-livelli lokali u reġjonali u sabiex iżżid l-għajnuna li tingħata lil min jippromovi l-proġetti u l-benefiċjarji u mhux għal finijiet oħra. Jeħtieġ li l-proġetti ta' għajnuna teknika jiġu koordinati aħjar fil-livelli Ewropej u nazzjonali sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-għajnuna;

21. huwa favur l-iżvilupp ta' sħubijiet bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investment u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra kif ukoll l-implimentazzjoni ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja li jistgħu jikkomplementaw il-Fond ta' Koeżjoni u jindirizzaw il-bżonnijiet ta' finanzjament tal-proġetti ta' infrastruttura fl-UE;

22. jappoġġja l-għan li ħabbret il-Kummissjoni fil-White Paper dwar it-trasport li tnaqqas il-livell tal-emissjonijiet mis-settur tat-trasport b'60 % minn issa sal-2050. L-investimenti finanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni ser jiġu analizzati iktar bir-reġġa għas-sostenibbiltà, fejn jidħol l-ambjent u l-potenzjal ta' qligħ tagħhom fuq perjodu twil.

23. jisħaq fuq l-importanza ta' koordinazzjoni mtejba bejn il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u ta' sinerġiji bejn il-bosta programmi u strumenti ta' finanzjament Ewropej u nazzjonali sabiex tonqos il-burokrazija;

Investimenti fl-infrastruttura bażika

24. ifakkar li l-Fond ta' Koeżjoni huwa strument indispensabbli sabiex ikunu jistgħu jsiru investimenti fl-infrastruttura bażika u dan il-Fond ta' prova tal-utilità u l-effiċjenza tiegħu biex jgħin lill-pajjiżi inqas żviluppatti jiffinanzjaw proġetti ta' interess komuni Ewropew;

25. jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-iskop u l-oqsma ta' azzjoni ta' intervent iżda jqis li l-Fond ta' Koeżjoni jista' jiffinanzja wkoll proġetti integrati fil-qasam tal-prestazzjoni enerġetika tal-bini;

26. jilqa' ż-żieda tad-dimensjoni urbana fost il-prijoritajiet ta' investment tal-Fond ta' Koeżjoni għax dan jirrikonoxxi l-kontribut essenzjali tal-bliet fil-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE;

27. jenfasizza l-bżonn li tingħata iktar attenzjoni lil-linji gwida stabbiliti fir-rakkomandazzjonijiet TEN-T u li jiġu rispettati l-acquis u l-leġislazzjonijiet nazzjonali. F'dan ir-rigward il-verifiki ex-ante jistgħu jippermettu li jiġu antiċipati ċerti problemi li ħafna drabi jikkawżaw dewmien konsiderevoli fi proġetti

tal-infrastruttura. Bħala eżempji nistgħu nsemmu r-reġistri tal-art, il-proċeduri ta' esproprijazzjoni, l-għoti ta' permessi, il-proċeduri tal-akkwist pubbliku, is-sistemi ta' rikors eċċ.;

28. iqis li l-prijoritajiet ta' investimenti tal-Fond ta' Koeżjoni stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom jikkonformaw mal-orjentazzjonijiet strateġiċi tal-Ewropa 2020 u l-prijoritajiet tematiċi tal-qafas strateġiku komuni iżda anki mar-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenda territorjali 2020 li ġiet approvata mill-ministri tal-ippjanar spazjali u l-iżvilupp territorjali fl-2011 ⁽²⁾;

Netwerks tat-trasport

29. jinsisti mill-ġdid fuq id-differenzi konsiderevoli li jeżistu bejn ir-reġjuni tal-punent u tal-lvant tal-UE fir-rigward tal-kwalità u l-aċċess tan-netwerks tat-trasport, u l-fatt li d-domanda tal-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport hija ikbar fir-reġjuni ħafna inqas żviluppata;

30. huwa tal-fehma li l-Fond ta' Koeżjoni huwa strument effikaċi sabiex ikunu jistgħu jitwettqu n-netwerks trans-Ewropej tat-trasport (TEN-T), nazzjonali u intrareġjonali li għandhom importanza strateġika għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali tal-Unjoni. Il-valur miżjud Ewropej tal-Fond ta' Koeżjoni għalhekk ma jistax jiġi dubitat;

31. iqis li hemm bżonn li jsir investiment intelliġenti fl-iżvilupp tal-infrastruttura fil-livell Ewropej: l-estensjoni u ż-żamma tan-netwerks ta' trasport, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet u teknoloġiji innovattivi għat-titjib tal-ġestjoni tat-traffiku, l-implimentazzjoni ta' sistemi kompjuterizzati kif ukoll soluzzjonijiet effikaċi tat-trasport intermodali, eċċ. Il-kompetittività tas-sistema tat-trasport Ewropej ma tiddependix biss mill-kapaċità tal-UE li tiżviluppa netwerks tat-trasport Ewropej iżda anki mill-kapaċità tagħha li tmexxi kull parti tal-katina loġistika. Jekk jinaqqas ukoll id-dewmien li jikkawża t-traffiku ser tittejjeb il-kwalità tas-servizzi tat-trasport;

32. jenfasizza li l-awtoritajiet reġjonali u lokali wkoll huma responsabbli li jwettqu investimenti kbar fl-infrastruttura tat-trasport u li jgħallu konnessjonijiet sekondarji u terzjarji fil-qafas tan-netwerks trans-Ewropej. Għalhekk dawn jistgħu jiġu involuti mill-qrib fid-deċiżjonijiet dwar l-għażla tal-proġetti prijoritarji ta' interess komuni sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-investimenti pubbliċi u privati f'kull livell - Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, hekk kif inhu previst fid-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE dwar il-linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropej tat-trasport;

33. bi pjaċir jinnota li l-prijoritajiet ta' investiment tal-Fond ta' Koeżjoni ser ikopru wkoll il-proġetti prinċipali li għandhom l-għan li jteju l-mobbiltà fiż-żoni urbani u jippromovu soluzzjonijiet tat-trasport li jirrispettaw l-ambjent kif ukoll investimenti oħra bil-għan li jiżviluppaw sistemi tat-trasport intelliġenti u sostenibbli fil-livell reġjonali u lokali;

34. jappoġġja l-introduzzjoni ta' indikaturi li jippermettu użu iktar effikaċi tar-riżorsi fil-qasam tat-trasport biex b'hekk il-Fond ta' Koeżjoni jsir strument utli biex jinkisbu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020;

35. iqis li l-linji gwida l-ġodda dwar l-iżvilupp ta' netwerk trans-Ewropej tat-trasport ser jipprovdu qafas strateġiku għall-iżvilupp tal-infrastruttura li ser issaħħaħ b'mod konsiderevoli l-aċċessibilità fl-UE peress li l-miżuri ser ikunu klassifikati aħjar skont ordni ta' prijorità; ser jinqasmu f'żewġ livelli jiġifieri bejn in-netwerk globali (netwerk komprensiv) u n-netwerk ċentrali (in-netwerk prinċipali) u ser isiru iktar effikaċi permezz ta' miżuri ġodda ta' implimentazzjoni. L-enfasi ser tkun fuq il-konnessjonijiet transkonfinali bejn il-modi differenti ta' trasport u bejn in-nodi urbani prinċipali;

36. jiġbed l-attenzjoni għall-problemi marbuta mal-koordinazzjoni tal-investimenti minn sorsi differenti ta' finanzjament u l-ippjanar ta' sistemi ta' trasport intelliġenti. Dawn tal-aħħar għandhom jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-sigurtà, is-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali kif ukoll għal ġestjoni aħjar tat-traffiku permezz ta' servizzi integrati ta' reservazzjoni, biljetti, informazzjoni multimodali eċċ.;

Infrastrutturi tal-ambjent u netwerks tal-enerġija

37. jappoġġja bis-sħiħ il-bżonn ta' investimenti fl-infrastrutturi sabiex jinholq netwerk Ewropej tal-enerġija integrat; il-prezz tan-nuqqas ta' investiment kien ikun wisq għoli fil-perjodu għat-tul u kien jhedded il-kompetittività tal-UE;

38. iqis li l-Fond ta' Koeżjoni huwa strument effikaċi li jippermetti li jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-enerġija ⁽³⁾ – il-kompetittività, is-sostenibilità u s-sigurtà tal-provvista – u li jippermetti lill-Unjoni li tirrispondi għall-isfidi tal-iżvilupp ekonomiku, l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattiva emblematika intitolata "Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza". Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet hemm bżonn ta' bidla fl-ippjanar, fil-mod kif nibnu u fil-mod kif nużaw in-netwerks tal-enerġija;

39. jisħaq mill-ġdid li l-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija għandhom jippermettu liċ-ċittadini u lill-intrapriżi tar-reġjuni kollha tal-UE li jkollhom aċċess mhux frammentat għall-enerġija u prezzijiet affordabbli billi jiġu eliminati l-monopolji u l-ostakli kollha għall-kompetizzjoni, kull reġjun għandu jkollu l-possibilità li jagħżel bejn mill-inqas żewġ fornituri;

40. iqis li l-metodu li jintuża sabiex issir mappa tal-infrastruttura u l-proġetti ta' interess Ewropej u sabiex issir l-għażla ta' dawn, għandu jkun trasparenti u li dan il-metodu għandu jkollu is-sitwazzjoni tar-reġjuni l-inqas vantaġġati u l-iktar esposti għal riskji fejn tidħol is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;

41. bi pjaċir jinnota li l-Fond ta' Koeżjoni jippermetti appoġġ sostnut tal-proġetti ambjentali tal-enerġija bħall-investimenti fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli. Il-KtR jfakkar li dawn ma jistgħux iseħħu mingħajr sħubija mal-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali li fil-fatt għandhom il-kapaċità li jsaħħu l-potenzjal lokali li jeżisti;

⁽²⁾ <http://www.eu-territorial-agenda.eu/>.

⁽³⁾ COM(2010) 677 final.

42. jenfasizza li huma prinċipalment ir-reġjuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet tal-UE jew l-imsieħba tagħhom li jinvestu l-iktar fis-sistemi ta' adattament għat-tibdil fil-klima, ta' prevenzjoni tar-riskji naturali, tal-konstruzzjoni ta' kanali għad-drenaġġ, tal-ġestjoni tal-iskart, tal-ħarsien tal-bijodiversità, tal-ħarsien tal-ħamrija u tal-ekosistemi u tat-titjib tal-kwalità tal-ambjent;

43. bi pjaċir jinnota li l-investimenti li jsiru sabiex jimmodernizzaw in-netwerks tat-tisħin ċentrali u tat-tkessiħ fil-bini urban u sabiex ma jkunx hemm ħela matul il-konverżjoni, jistgħu jiġu finanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni tal-UE għalix dawn għandhom valur miżjud kbir;

Il-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa

44. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-awtoritajiet reġjonali u lokali ser jibqgħu viġilanti u ser jopponu kwalunkwe inizjattivi li jistgħu jnaqqsu l-baġit allokati lill-politika ta' koeżjoni: 20 % tal-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa ġejjin mill-Fond ta' Koeżjoni, total ta' EUR 10 biljun li ser jintużaw sabiex jifinanzjaw il-proġetti ta' trasport transnazzjonali bi prijorià għall-infrastruttura ferrovarja;

45. juri l-interess tiegħu fil-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa li tista' tkun ta' valur miżjud konsiderevoli għall-Ewropa u li permezz tagħha l-Kummissjoni qed timmira li tikkoreġi l-problemi fis-suq billi toħloq il-konnessjonijiet li għadhom nieqsa, telimina l-ingroppi u tiżgura konnessjonijiet transkonfinali adegwati;

46. jinsab imħasseb fir-rigward tal-fatt li ma teżistix formola ċara li tiddetermina l-baġit nazzjonali għall-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa u jirrakkomanda li l-kontributi jkun proporzjonali għall-valur stimat tal-proġetti li jiġu finanzjati fl-Istati Membri;

47. jisħaq mill-ġdid li fost il-problemi li jiltaqgħu magħhom dawk li jippromovu l-proġetti ta' natura transkonfinali, hemm ukoll il-kapaċità limitata tagħhom li jfasslu proġetti li huma verament fattibbli u li huma ta' natura partikolarment kumplessa. Din hija raġuni għalfejn il-fondi previsti fil-bidu għal proġetti transkonfinali jgħaddu għand proġetti oħra iktar avvanzati;

48. jinsab imħasseb li s-sistema ċentralizzata ta' ġestjoni tal-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa mhux ser tkun tista' ssolvi l-problemi marbuta mat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tat-tfassil tal-proġetti transkonfinali u għalhekk tista' żżid ir-riskju li l-baġit allokati għall-Faċilità ma jkunx jista' jintuża biex jifinanzja proġetti identifikati minn qabel mill-Kummissjoni;

49. għandu r-riservi tiegħu ukoll fir-rigward tal-mod kif ser jipparteċipaw l-awtoritajiet reġjonali u lokali, tan-nuqqas ta' flessibilità u tal-burokrazija li tista' tiġġenera l-faċilità kif ukoll fir-rigward tar-rabta mal-strumenti l-oħra ta' finanzjament tal-Kummissjoni;

50. jinsisti li għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn il-proġetti finanzjati mill-Faċilità u dawk finanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni jew mill-FEŻR, fil-qafas tal-kuntratti ta' sħubija. B'dan il-mod, permezz tal-evalwazzjoni ex ante tal-kapaċità istituzzjonali, ikun possibbli li jiġi stabbilit x'hemm b'żonn f'termini ta' assistenza obligatorja għat-tħejija tal-programm JASPERS jew programmi oħra ta' assistenza teknika. L-ammont li jkun hemm b'żonn ser jitqies b'ħala spiża eliġibbli għall-finanzjament mill-baġit tal-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KTR
<p>Artikolu 2</p> <p>L-ambitu tas-sostenn mill-Fond ta' Koeżjoni.</p> <p>1. Il-Fond ta' Koeżjoni waqt li jiżgura bilanċ xieraq u skont l-investiment u l-bżonnijiet infrastrutturali speċifiċi għal kull Stat Membru, għandu jappoġġja:</p> <p>(a) l-investiment fl-ambjent, inklużi l-oqsma relatati mal-iżvilupp sostenibbli u l-enerġija li jippreżentaw benefiċċji ambjentali;</p> <p>(b) in-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport f'konformità mal-linji gwida adottati mid-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE;</p> <p>(c) assistenza teknika.</p> <p>2. Il-Fond ta' Koeżjoni m'għandux jappoġġja:</p> <p>(a) id-diżattivazzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari;</p> <p>(b) it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra f'installazzjonijiet li jaqgħu taħt id-Direttiva 2003/87/KE;</p> <p>(c) akkomodazzjoni.</p>	<p>Artikolu 2</p> <p>L-ambitu tas-sostenn mill-Fond ta' Koeżjoni.</p> <p>1. Il-Fond ta' Koeżjoni waqt li jiżgura bilanċ xieraq u skont l-investiment u l-bżonnijiet infrastrutturali speċifiċi għal kull Stat Membru, għandu jappoġġja:</p> <p>(a) l-investiment fl-ambjent, inklużi l-oqsma relatati mal-iżvilupp sostenibbli u l-enerġija li jippreżentaw benefiċċji ambjentali;</p> <p>(b) in-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport f'konformità mal-linji gwida adottati mid-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE;</p> <p>(c) assistenza teknika.</p> <p>2. Il-Fond ta' Koeżjoni m'għandux jappoġġja:</p> <p>(a) id-diżattivazzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari;</p> <p>(b) it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra f'installazzjonijiet li jaqgħu taħt id-Direttiva 2003/87/KE;</p> <p>(c) akkomodazzjoni.</p>

Raġuni

Din l-emenda tikkorrispondi għar-rakkomandazzjonijiet formulati f'punt 25 ta' din l-opinjoni.

Emenda 2

Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Artikolu 3</p> <p>Prijoritajiet ta' investment</p> <p>Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru [...] /2012 [CPR], il-Fond ta' Koeżjoni għandu jappoġġja dawn il-prijoritajiet ta' investment taħt l-oġġettivi tematiċi stipulati fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru [...] /2012 [CPR]:</p> <p>(a) l-appoġġ lil bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju:</p> <p>i) il-promozzjoni tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli;</p> <p>ii) il-promozzjoni tal-użu tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli f'impriżi ta' daqs żgħir u medju;</p> <p>iii) appoġġ lill-użu tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli f'infrastrutturi pubbliċi;</p> <p>iv) l-iżvilupp ta' sistemi ta' distribuzzjoni b'livell ta' vultaġġ baxx;</p> <p>v) il-promozzjoni ta' strateġiji ta' użu baxx ta' karbonju;</p> <p>(b) il-promozzjoni ta' adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju minn:</p> <p>i) appoġġ lill-investment iddedikat lill-adattament għat-tibdil fil-klima;</p> <p>ii) il-promozzjoni ta' investment li jindirizza riskji speċifiċi, jiżgura reżiljenza kontra d-diżastri u jiżviluppa sistemi ta' ġestjoni tad-diżastri;</p> <p>(c) il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi:</p> <p>i) l-indirizz tal-ħtiġijiet sinifikanti għall-investment fis-settur tal-iskart biex tilħaq il-ħtiġijiet tal-acquis ambjentali tal-Unjoni;</p> <p>ii) l-indirizzar tal-bżonn sinifikanti ta' investment fis-settur tal-ilma biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-acquis ambjentali tal-Unjoni;</p> <p>iii) il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità anki permezz ta' infrastrutturi ambjentali;</p> <p>iv) it-titjib tal-ambjent urban, inkluża r-riġenerazzjoni tas-siti industrijali abbandunati (brownfield sites), u t-tnaqqis fit-tniġġis tal-arja.</p> <p>(d) il-promozzjoni tat-trasport sostenibbli u t-tneħħija ta' konġestjoni f'networks tal-infrastruttura billi:</p> <p>i) tiġi sostnuta Żona Unika Ewropea tat-Trasport multimodali permezz ta' investment fin-Network trans-Ewropew tat-Trasport;</p>	<p>Artikolu 3</p> <p>Prijoritajiet ta' investment</p> <p>Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru [...] /2012 [CPR], il-Fond ta' Koeżjoni għandu jappoġġja dawn il-prijoritajiet ta' investment taħt l-oġġettivi tematiċi stipulati fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru [...] /2012 [CPR]:</p> <p>(a) l-appoġġ lil bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju:</p> <p>i) il-promozzjoni tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli;</p> <p>ii) il-promozzjoni tal-użu tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli f'impriżi ta' daqs żgħir u medju;</p> <p>iii) appoġġ lill-użu tal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli f'infrastrutturi pubbliċi kif ukoll fis-settur tal-prestazzjoni enerġetika tal-bini;</p> <p>iv) l-iżvilupp ta' sistemi ta' distribuzzjoni b'livell ta' vultaġġ baxx;</p> <p>v) il-promozzjoni ta' strateġiji ta' użu baxx ta' karbonju;</p> <p>(b) il-promozzjoni ta' adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju minn:</p> <p>i) appoġġ lill-investment iddedikat lill-adattament għat-tibdil fil-klima;</p> <p>ii) il-promozzjoni ta' investment li jindirizza riskji speċifiċi, jiżgura reżiljenza kontra d-diżastri u jiżviluppa sistemi ta' ġestjoni tad-diżastri;</p> <p>(c) il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi:</p> <p>i) l-indirizz tal-ħtiġijiet sinifikanti għall-investment fis-settur tal-iskart biex tilħaq il-ħtiġijiet tal-acquis ambjentali tal-Unjoni;</p> <p>ii) l-indirizzar tal-bżonn sinifikanti ta' investment fis-settur tal-ilma biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-acquis ambjentali tal-Unjoni;</p> <p>iii) il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità anki permezz ta' infrastrutturi ambjentali;</p> <p>iv) it-titjib tal-ambjent urban, inkluża r-riġenerazzjoni tas-siti industrijali abbandunati (brownfield sites), u t-tnaqqis fit-tniġġis tal-arja.</p> <p>(d) il-promozzjoni tat-trasport sostenibbli u t-tneħħija ta' konġestjoni f'networks tal-infrastruttura billi:</p> <p>i) tiġi sostnuta Żona Unika Ewropea tat-Trasport multimodali permezz ta' investment fin-Network trans-Ewropew tat-Trasport;</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
ii) jiġu żviluppati sistemi tat-trasport b'kuxjenza ambjentali u b'livell ta' karbonju baxx, kif ukoll il-promozzjoni ta' mobilità urbana sostennibbli;	ii) jiġu żviluppati sistemi tat-trasport b'kuxjenza ambjentali u b'livell ta' karbonju baxx, kif ukoll il-promozzjoni ta' mobilità urbana sostennibbli;
iii) jiġu żviluppati sistemi ferrovjarji komprensivi, ta' kwalità għolja u interoperabbli;	iii) jiġu żviluppati sistemi ferrovjarji komprensivi, ta' kwalità għolja u interoperabbli;
(e) it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali u ta' amministrazzjoni pubblika effiċenti permezz ta' tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u l-effiċenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi relatati mal-implimentazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni.	(e) it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali u ta' amministrazzjoni pubblika effiċenti permezz ta' tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u l-effiċenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi relatati mal-implimentazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni.

Raġuni

Din l-emenda tikkorrispondi għar-rakkomandazzjonijiet formulati f'punt 25 ta' din l-opinjoni.

Brussell, 3 ta' Mejju 2012.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
 Mercedes BRESSO